# IL-MADONNA TAZ-ZUNTIER JEW IL-KAPPELLA TAL-GĦADAM

Waħda mill-għeġubijiet fuq din il-gżira li t-turisti jieħdu gost jaraw (meta juruhielhom) hija "*Il-kappella tal-għadam*". Din il-kappella tinsab in-naħa tal-punent tal-Port tagħna, ma' ġenb il-fortezza ta' Sant'Jermu.

Fil-qedem din kienet zuntier fejn kienu jindifnu s-suldati Maltin u l-Kavalieri waqt it-taqtigħa mat-Torok fl-Assedju il-Kbir.

Fl-1619, il-Kmandant G. Nibbia bena fuq iz-zuntier kappella żgħira, li huwa ddedika lil l-"Isem Imqaddes ta' Marija", imma li aħna l-koll nafu taħt l-isem tal-Madonna taz-Zuntier. Iz-zuntier jinsab fil-biċċa warranija tal-kappella.

Għall-ħabta ta' l-1850 qalgħu l-għadam kollu, biex jidfnuh band'oħra; imma nqala' qassis, li talab biex bil-għadam hu kien fi ħsiebu jirranġa l-kappella; ma qalulux "le" u l-qassis bil-għerf, bis-sabar, biddel dik il-kappella f'xi ħaġa tal-waħx, ta' skiet donnha tas-saltna tal-mewt!!

Meta dħalt l-ewwel darba ġewwa l-kappella ma nistâx ingħid x'laqatni l-aktar, jew is-skiet u l-misteru tal-lok, jew ix-xogħol ta' mużajk b'dawk ir-rjus ta' mewt iħarsu kollha lejk; ma nistâx ingħid kienx biża' jew għaġeb: biża' għall-mewt li narawha u ma narawhiex, avvolja qegħdin quddiemha, jew għaġeb għal kif kien irranġat il-għadam.

Fin-nofs tal-kappella hemm artal li kellu kitba bil-latin, li tgħid:—

**Id-dinja kollha ma hix ħlief teatru**
**u l-ħajja tal-bniedem traġedja weħedha**
**Kollox ċajta, kollox ħrafa:**
**Il-mewt biss hija vera**
**Hija tikxef kollox.**
**Inti li għadek fuq wiċċ l-art aħsibha tajjeb;**
**Itlob għal dawna li għadamhom jinsab hawn.**
**Itlaq bil-paċi u ftakar dejjem li għandek tmut.**

Fuq fond miżbugħ iswed, tirkaċċa Madonna bajda, li qegħda żżomm il-bambin, ġewwa nkwatru li huwa rranġat bir-rjus ta' mejtin u b'għadam ieħor twil.

Ma' ġenb l-artal hemm żewġ niċċ: f'waħda minnhom xiħ b'mingel f'idu (iż-żmien li spiċċa!).

Jista' wieħed joħroġ bil-paċi minn dak il-lok? Għal l-ewwel darba lili għamilli bħal diqa ta' qalb, u dak il-għadam ma nafx kemm dam quddiemi!



# TQASSIR GĦALL-KITBA MALTIJA

### IT-TIENI TAQSIMA

1)—L-ittri ta' l-Alfabet li ġejjin jistgħu joqogħdu flok kliem sħiħ.

| | | |
|---|---|---|
| **a**—aħna | **l**—il, li, illi, | **pr**—propaganda |
| **Al**—Assemblea Leġislativa | **Lo.** Leader ta' l-Opposizzjoni | **Pt**—Parlament |
| **c**—ċirkustanzi | | **R**—Raħal-rħula |
| **D**—Dipartiment | **M**—Ministru, Ministri, Ministeru | **S**—Speaker |
| **E**—Elezzjoni | | **t**—tiegħi |
| **g**—ġurnali, ġurnalist-i-żmu | **m**—miegħi | **ta**—tagħha |
| **h**—ħafna | **ma.** magħha, magħhom | **ti**—tiegħek |
| **G**—Gvern | **mm.** Membru-i | **tk**—tagħkom |
| **Gt**—Gvernatur | **mn**—magħna | **tm**—tagħhom |
| **i**—hi, int, intom | **mk**—miegħek, magħkom | **tn**—tagħna |
| **j**—jien | **mu**—miegħu | **tu**—tiegħu |
| **k**—kollha, kollu, kollox | **n**—nista', nistgħu | **u**—u, hu, huma |
| **K**—Konferenza-i | **O**—Opposizzjoni | **v**—vera, veru, verità |
| **kb**—kbir, kbira, kbar | **P**—Partit | **w**—waħda, wieħed |
| | **p**—poplu | **x**—xogħol |
| | | **z**—iżda |

Meta aktar minn ittra waħda ta' l-Alfabet għandha toqgħod għal kelma sħiħa, bħal: **ma.** (magħha) **ta** (tagħha) **tn** (tagħna) eċċ., taħt dawn għandu jinġibed sinjal, hekk: **ma** **ta** **tn**; iżda dan is-sinjal ma jinħtieġx għal l-ittri uħud-hom. Ittri ta' l-Alfabet jistgħu jingħaqdu wkoll ma' kliem ieħor kif se'r nuru taħt:

### Sentenzi

Aħna u intom nistgħu nagħmlu ħafna ġid. Il-ġurnali
**aui n namlu h gid. lgku**
kollha huma favur tagħna. L-Elezzjoni waslet u ħafna huma
**fvur tn . lE wslt uhu**
dawk li se'r joħorġu mal-Partit tal-Gvern. Fi rħula kollha
**dwk l sr jhrgu ml P tl G . fRk**